# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 152**

**Citaz. numru: 615/96 M1 NA**

**Janette Tivisini**

**vs**

**Massimo Tivisini**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-23 ta' Frar 1996 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fis-6 ta' Gunju 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, u cioe' Alessandra ta' 3 snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrak irremedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, fosthom adulterju ammess, swat, sevizzi, theddid u ngurji gravi;

Illi llum il-gurnata, l-attrici mhix qed tghix fid-dar matrimonjali peress li giet kostretta titlaq mid-dar konjugali minhabba l-imgieba rresponsabbli tal-konvenut;

Illi qabel il-firda *de facto* tal-partijiet, il-konvenut kien stqarr mar-rikorrenti li ried ighix hajtu kif jidhirlu minghajr l-ebda rbit;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti tat-2 ta' Novembru 1994, sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha (Dokument "A");

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut kif fuq ingad;

2. tafda lill-attrici l-kura u kustodja ta' uliedha minorenni Alessandra;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-fuq imsemmija tifla minorenni dik is-somma mensili adegwata bhala manteniment;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 50 u 55 tal-Kodici Civili;

5. taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna l-pubblikazzjoni ta’ l-att ta’ divizjoni minn Nutar nominandi f’data li tigi ffissata ghall-iskop;

6. tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta l-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta’ divizjoni relattiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat in-nota ta' l-istess attrici tas-6 ta' Marzu 1996 fejn gie minnha esebit dokument iehor.

Il-konvenut, debitament notifikat, baqa' kontumaci u ma deherx fis-seduta tal-24 ta' April 1997, l-ewwel seduta wara li kien gie notifikat. F'dik is-seduta l-attrici ddikjarat li ma kenitx issib oggezzjoni illi din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta nonostante illi l-Imhallef sedenti kien sema' l-kaz fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 1997 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Deborah Huber biex tigbor il-provi. Minkejja illi dan ma huwiex ivverbalizzat jidher illi dan l-inkarigu gie sostitwit f'wiehed ta' espert legali fi zmien fejn il-kariga ta' Assistent Gudizzjarju kienet in sospensjoni. Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000 u mahluf l-ghada fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha kienet tal-fehma illi "*li t-tort tat-tkisser taz-zwieg huwa tat-tnejn ghaliex iz-zwieg kien bla pedamenti, izda bi htija aktar tal-konvenut illi qatt ma gharaf ir-responsabbilitajiet tieghu u bl-*

*agir u bl-azzjoni tieghu farrak kwalunkwe speranza illi seta' kien hemm illi jirnexxa z-zwieg.*"  u li "*ghalhekk, l-esponent thoss illi ebda parti ma ghandha tiddekada mid-drittijiet li taghti l-ligi lill-koppja mizzewga salv illi ghandu jigi dikjarat li l-partijiet iddekadaw mid-dritt tas-successjoni reciproka.*"  U dana peress illi l-adulterju tal-konvenut sehh meta z-zwieg kien diga' tkisser irremedjabbilment.  Hija dehrilha illi l-kura w il-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attrici b'access favur il-konvenut kif stabbilit bejn l-istess partijiet, fil-waqt illi, stante illi, z-zewg partijiet kienu jahdmu, l-obbligu reciproku tal-manteniment kien spicca.  Invece l-konvenut kellu jkun ikkundannat ihallas alimenti ghall-minuri fl-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar skond id-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Marzu 1995.  Assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma kienx hemm hlief ghall-karozza li kien ghad hemm id-dejn fuqha.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi l-parti l-kbira ta' l-apprezzament tal-provi li sar mill-Perit Legali u tal-konkluzzjonijiet li hija waslet ghalihom u ftit li xejn ghandha x'izzid maghhom.  Jidhrilha pero', kuntrarjament ghal dak li qalet il-Perit Legali, li kien l-

atteggjament tal-konvenut lejn l-attrici li kien principalment jekk mhux unikament ir-raguni l-ghala dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment. Effettivament il-konvenut jirrizulta illi kellu karattru zorr u nervuz, kien f'xi okkazzjonijiet vjolenti ma' l-attrici, u ma kienx kapaci jzomm impieg biex ikun jista' jmantni lill-martu u lit-tarbija li twieldet minn dan iz-zwieg.

Konsiderat dawn is-sottomissjonijiet oltre dawk maghmulha mill-Perit Legali l-Qorti qieghdha tiddeciedi din il-kawza fuq il-provi u fil-kontumaci tal-konvenut (minkejja illi dan ukoll xehed in subizzjoni) billi:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

2. tafda lill-attrici l-kura w il-kustodja ta' wliedha minorenni Alessandra b'access favur il-konvenut ghal tlett sieghat fil-gimgha fil-presenza ta' l-attrici fi granet u f'hinijiet kif miftiehma bejn il-partijiet;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas alimenti biss ghat-tifla minorenni fl-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar

filwaqt illi tiddikjara illi l-partijiet, li t-tnejn jahdmu, ma ghandhomx ihallsu alimenti lil xulxin;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara wkoll li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' l-attrici;

5. tiddeciedi l-hames u s-sitt talba billi tiddikjara li ma hemmx assi x'jinqasmu li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti hlief possibbilment il-vettura Fiat Uno (minkejja illi jirrizulta illi din possibbilment ukoll inbieghet). Din il-vettura jew xi parti mir-rikavat fuq il-bejgh taghha qed tigi assenjata lill-konvenut li pero' huwa unikament responsabbli ghad-dejn li jista' fadal mis-self li kien sar minn Bank biex din il-vettura nxtrat.

L-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.